Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, id- 9 ta' Lulju 2024**

**Kump. Nru. 4539/2024**

**Il-Pulizija**
**(Spt. Marshal Mallia)**

**Versus**

**Raisa Cialov**
**(Pasaport Rumen 05853432)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Raisa Cialov** detentrici tal-Passaport Rumen bin-numru 05853432.

Akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer, u /jew gewwa Oakridge, Maisonette 2, Triq Censu Bugeja, Iklin, fis-6 ta' Gunju 2024 u fil-gimghat ta' qabel b'diversi atti maghmulin minnha ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda :

1. Zammet jew ezercitat jew kellha sehem ma' ohrajn fl-ezercizzju ta' burdell jew ta' dar, hanut jew local iehor jew ta' xi parti minnhom li huma ffrekwentati jew maghduda bhala li huma ffrekwentati ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali;

2. U aktar talli fl-istess dati, lok, hinijiet u cirkostanzi kellha hanut, allogg jew lukanda jew appartament privat u halliet jew ippemettiet li dak il-hanut, allogg, lukanda jew appartament jew xi parti taghhom jigu wzati bhala post ta' laqgha ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali;

3. U aktar talli fl-istess dati, lok, hinijiet u cirkostanzi, xjentament ghexet ghal kollox jew f'parti, minn fuq il-qligh tal-prostituzzjoni ta' persuna ohra.

Rat id-dokumenti kollha prezentati fl-atti processwali.

Rat illi l-imputata, fis-seduta tal-20 ta' Gunju 2024, irregistrat ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghha.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputata, debitament assistita mill-konsulenti legali taghha tenniet li hija hatja tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra taghha.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputata wiegbet li hija hatja ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront taghha, din il-Qorti wissietha b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghata zmien xieraq sabiex jekk trid terga' lura minnha.

Illi l-imputata regghet tenniet ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghha, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata taghha, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputata hatja ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront taghha kif minnha ammess.

**Ikkunsidrat ulterjorment**

L-ammissjoni bikrija ta' l-imputata.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat Artikolu 7(1), 8(1) u 9 tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputata **Raisa Cialov hatja ta' l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontriha** u qed **tikkundannaha ghal sena (1) prigunerija li ai termini ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-**

**Ligijiet ta' Malta qed tigi sospiza ghal tlett (3) snin mil-lum, kif ukoll ghal hlas ta' multa ghas-somma ta' erba' mitt Euro (€ 400.00)**

Il-Qorti spjegat lill-imputata fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk tikkommetti reat iehor fi zmien sena (1) mil-lum.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**